MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Settembru, 2006

Appell Civili Numru. 81/2003/1

**Prim Ministru**

**v.**

**Victor Vella Muskat**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

**1.** Dan l-appell huwa dwar stharrig gudizzjarju ta' decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, li ddecidiet li l-konvenut appellat kien sofra ingustizzja meta ma

nghatax il-hatra ta’ Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex.

**2.** Il-fatti saljenti jistghu jigu brevement riassunti hekk:

1. Il-konvenut kien lehaq Segretarju ghall-Affarijiet ta’ Ghawdex fl-Ufficju tal-Prim Ministru f’Jannar 1984. Meta f’Mejju 1987 twaqqaf il-Ministeru ghall-Ghawdex, l-ufficcju tas-Segretarju ghal Ghawdex gie jifforma parti mill-Ministeru ghall-Ghawdex.
2. Id-dmirijiet u d-doveri ta’ Segretarju ghal Ghawdex kienu jinkludu, fost hwejjeg ohra, is-supervizjoni u l-ko-ordinament ta’ l-attivitajiet governattivi f’Ghawdex.
3. Fil-Ministeru ghal Ghawdex, id-dmirijiet u d-doveri tal-konvenut tqassmu f’erba’ hatriet godda ta’ kapijiet ta’ dipartimenti, u cioe`, Segretarju Permanenti (Grade 2) u tlett Diretturi (Grade 5). Meta saret il-hatra ta’ Segretarju Permanenti fil-Ministeru ghal Ghawdex, minkejja li l-konvenut kien ilu jwettaq id-dmirijiet u d-doveri ghal ghaxar snin, inhatar ufficjal iehor li kien tlett gradi inferjuri ghalih. Ghalhekk il-konvenut irtira mix-xoghol tieghu fis-Servizz Pubbliku.
4. B’decizjoni ta’ l-24 ta’ Frar 2003, fl-ismijiet “Victor Vella Muskat v. Onorevoli Prim Ministru” (Rikors numru 1142/97), it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji iddecieda dwar l-ilment maghmul lilu mill-konvenut Victor Vella Muskat billi, wara li sab l-ilment gustifikat, irrakomanda li jsir kumpens finanzjarju lill-konvenut u ikkonkluda illi *“wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz jordna kumpens ta’ tlett elef u sitt mitt Lira Maltija (LM3,600)*[1], peress illi ma setax jordna rimedju kompensattiv.

**<u>Ic-citazzjoni tal-Prim Ministru u l-eccezzjonijiet tal-konvenut</u>**

**3.** Permezz ta’ citazzjoni presentata fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fit-13 ta’ Awissu 2003, il-Prim Ministru, wara li ppremetta

[1] Pagna 15 tad-decizjoni tat-Tribunal annessa bhala Dok A mac-citazzjoni, fol. 6 sa 13 tal-atti.

"Illi l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal tmur kontra l-Kostituzzjoni u hija ultra vires il-poteri tieghu taht l-Att VIIItal-1997 u nghatat bi vjolazzjoni tal-ligi, marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal, u ma segwietx il-proceduri rikjesti mil-ligi u dan ghas-segwenti motivi:

i. illi in kwantu ordna illi l-konvenut sofra ingustizzja fit-termini ta' l-Att VIII ta' l-1997 meta ma giex mahtur ghall-ufficju pubbliku ta' Segretarju Permanenti t-Tribunal sostanzjalment ivvjola l-Artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni illi jipprovdi specifikament illi "is-setgha ta' hatra ta' ufficjali pubblici biex izommu jew jagixxu fil-kariga ta' Segratarju Permanenti u ta' tnehhija mill-kariga ta' persuni li jkunu jzommu jew ikunu qed jagixxu f'dik il-kariga tkun fil-President li jagixxi skond il-parir tal-Prim Ministru moghti wara li l-Prim Ministru jkun ikkonsulta mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku". Illi t-Tribunal ma jgawdi ebda setgha illi jzid xi rekwiziti ohra ma' dawk specifikament stipulati fil-Kostituzzjoni u ghalhekk meta t-Tribunal iddiskuta l-process tal-hatra in kwistjoni u anka fassal kriterji illi skond hu kellhom jigu osservati fid-decizjonijiet dwar il-hatra ta' Segretarju Permanenti huwa mar 'ultra vires' il-poteri tieghu u kontra l-istess Kostituzzjoni;

ii. illi d-decizjoni tat-Tribunal ivvjolat ukoll il-Kostituzzjoni in kwantu implicitament tat direttiva dwar il-mod kif il-Prim Ministru ghandu jagixxi fil-qadi tal-funzjonijiet kostituzzjonali tieghu dwar il-hatriet ta' persuni ghall-kariga wkoll kostituzzjonali ta' Segretarju Permanenti u applikat il-kriterju ta' l-anzjanita' li mkien ma' jissemma fl-Artikolu 92(3) billi anke haltet l-Artikolu 92(3) ma' l-Artikolu 92(4) dwar il-hatriet ta' Kapijiet ta' Dipartiment tal-Gvern;

iii. illi d-decizjoni marret oltre l-kompetenza tat-Tribunal stante illi skond l-Artikolu 7(9)(b) ta' l-Att VIII ta' l-1997 it-Tribunal huwa kompetenti biex jaghti decizjoni dwar jekk ilment huwiex gustifikat biss wara li **"jqis il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta' l-Estacode li kienu fis-sehh filwaqt ta' l-att jew ommissjoni li fuqu jkun hemm imsejjes l-ilment"** u d-decizjoni impunjata

imkien ma turi li sar tali ezercizzju rikjest mil-ligi u anzi fic-cirkostanzi in dizamina d-decizjoni turi espressament illi dan l-ezercizzju ma sarx billi dak provdut espressament mill-Kostituzzjoni stess ma giex rispettat. Illi din l-ommissjoni tammonta wkoll ghal nuqqas ta’ osservanza ta’ proceduri stabbiliti mil-ligi.

iv. illi d-decizjoni naqset milli tirrispetta l-integrita’ tad-decizjoni tal-Prim Ministru kif tohrog mill-Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni.

v. illi d-decizjoni marret ukoll ultra vires t-termini ta’ l-Artikolu 6 ta’ l-Att VIII tal-1997 inkwantu qieset il-hatra temporanja ghall-ufficju ta’ Segretarju Permanenti bhala hatra ta’ ufficjal pubbliku meta kien car illi l-kaz in kwistjoni ma kienx jittratta dwar il-hatra ta’ xi persuna bhala ufficjal pubbliku ghall-ewwel darba.

talab li dik il-Qorti:

1. tiddikjara li d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji tal-24 ta’ Frar 2003 fl-ismijiet “Victor Vella Muskat vs. Onorevoli Prim Ministru” “Rikors 1142/97) hija *ultra vires* il-poteri ta’ l-imsemmi Tribunal billi tivvjola kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll id-disposizzjonijiet ta’ l-Att VIII ta’ l-1997 kif spjegat fil-korp tac-citazzjoni;
2. Thassar, tirrevoka u tannulla l-imsemmija decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji fuq imsemmija.

**4.** Il-konvenut Victor Vella Muskat eccepixxa s-segwenti (fol. 18):

1. Illi skond l-artikolu 469A(1)(a) tal-Kodici tal-Procedura Civili, l-ghemil amministrattiv irid jikser il-Kostituzzjoni. Illi huwa, pero`, risaput li d-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji ma jikkostitwixxux “ghemil amministrativ” u ghaldaqstant m’hemm l-ebda rimedju taht dan is-subartikolu;
2. Illi l-motiv numru (1), kif elenkat fic-citazzjoni huwa intempestiv, peress illi messu gie intavolat fir-risposta tal-Prim Ministru ghar-rikors li kien ippresenta r-

rikorrent, konvenut odjern, quddiem it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, liema Tribunal u mhux dan il-Qorti kienet il-fora [recte: forum] adattata biex tisma' u tiddeciedi dwar l-ilment;

3. Illi "it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji" ma jidholx fid-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" kif imfissra fl-artikolu 469A(2) tal-Kodici tal-Procedura Civili u ghaldaqstant qatt ma jista' jinghad illi l-istess decizjoni tat-Tribunal ivvjolat il-Kostituzzjoni;

4. Illi lanqas m'huwa minnu illi l-istess decizjoni marret kontra l-kompetenza tat-Tribunal;

5. Illi lanqas m'huwa minnu li l-istess decizjoni naqset li tirrispetta l-integrita` tal-Prim Ministru ghas-semplici raguni li t-Tribunal laqa' l-ilment ta' l-istess rikorrenti kif ukoll huwa infondat l-aggravju illi l-hatra ghall-ufficju ta' Segretarju Permanenti ma tidholx fid-definizzjoni ta' hatra ta' ufficjal pubbliku;

6. Salvi eccezzjoni ohra fil-fatt u fid-dritt.

**<u>Sentenza preliminari</u>**

**5.** Illi b'sentenza preliminari tad-9 ta' Novembru 2004 (fol. 45 *et seq.*) il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali iddecidiet l-ewwel eccezzjoni (b'rifless fuq it-tielet eccezzjoni), u cahdet l-ewwel eccezzjoni u ordnat il-prosegwiment tal-kawza sabiex tigi trattata u deciza fuq il-meritu.

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

**6.** B'sentenza ta' l-24 ta' Jannar 2006, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Generali ddecidiet il-vertenza billi cahdet it-talbiet ta' l-attur Prim Ministru bl-ispejjez kontra tieghu. L-ewwel Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni wara li kkunsidrat:

"Illi fis-sentenza preliminari taghha din il-Qorti kienet tal-fehma li l-problematika quddiemha kienet wahda u semplici, u tinvolvi jekk din il-Qorti tistax jew le tissindika l-ghemil tat-Tribunal ta' Ingustizzji. Zdiedet tghid li dan il-kwezit kien il-pern principali u wahdani tal-kawza u kien jikkostitwixxi l-meritu uniku taghha. Kien f'dan is-sens biss li cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-attur bl-iskop li jigi trattat

il-meritu fl-assiem tieghu bir-ramifikazzjonjiet kollha tieghu u f'dan is-sens giet michuda l-ewwel eccezzjoni.
"Fil-kawza l-attur qieghed isaqsi lil din il-Qorti li tiddikjara d-decizjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji tal-24 ta' Frar 2003 fir-rikors fl-ismijiet "Victor Vella Muskat vs Onorevoli Prim Ministru" 'ultra vires' il-poteri ta' l-imsemmi Tribunal billi dik id-decizjoni tivvjola kemm il-Kostituzzjoni kif ukoll id-disposizzjonijiet tal-Att VIII tal-1997 (Kap 394) – minn hawn 'il quddiem jissejjah l-Att - wara li kien ippremetta li:

(1) s-setgha tan-nomina ta' Segretarju Permanenti kienet, fl-ahhar mill-ahhar, fil-poter diskrezzjonali biss tal-Prim'Ministru u t-Tribunal mar 'ultra vires' meta zdied rekwiziti ma' dawk specifikatament stipulati fil-Kostituzzjoni ghal din in-nomina;

(2) li d-decizjoni vvjolat il-Kostituzzjoni minhabba li implicitament interferiet fil-mod kif l-attur ghandu jagixxi fil-qadi tal-funzjonijiet kostituzzjonali tieghu vis-à-vis il-hatra billi applikat il-kriterju ta' l-anzjanita` li mkien ma jissemma'fl-Artikolu 92/3 tal-Kostituzzjoni;

(3) li d-decizjoni ma tatx qies "il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet tal-Estacode" kif jipprovdi l-Artikolu 7/9/b tal Att;

(4) li d-decizjoni naqset milli tirrispetta l-integrita` tad-decizjoni tal-Prim' Ministru ex Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni;

(5) wkoll li d-decizjoni marret 'ultra vires' l-Artikolu 6 tal-Att.

"Illi minn dan fuq espost m'ghandu jkun hemm ebda dubbju li t-talbiet ta' l-attur huma imfassla bl-iskop li jigu applikati d-disposizzjonijiet tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 469A tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, li bis-sahha tieghu biss huwa permess lill-Qrati ordinarji li jisthargu kull ghemil amministrattiv.

“Issa huwa proprju fid-dawl tal-poteri konferiti lill-Qrati b’dan l-Artikolu u cirkoskritti fit-termini tieghu li t-talbiet ta’ l-attur ma jsibux zvog; ir-ragunijiet huma:

- li fil-kaz ta’ decizjonijiet mit-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ l-Ingustizzji l-Att kostituttiv espressament jghid li “d-decizjoni tat-Tribunal tkun finali u minnha ma jkun hemm ebda appell” (Artikolu 7(9)(e)). L-att ukoll jiccirkoskrivi s-setghat tat-Tribunal ghall-kazijiet espressament imsemmija fl-Artikolu 6 li jinvolvu ‘inter alia’ kwistjonijiet ta’ hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta’ ufficjali pubblici. Hu proprju fuq l-iskorta ta’ dan l-Artikolu ta’ l-Att li l-gurisdizzjoni tal-Qorti hi ezawtorata a bazi ta’ l-Artikolu 469A tal-Kap 12 meta l-istess jsiru “bl-ghan ta’ organizazzjoni jew amministrazzjoni interna fl-istess awtorita`”, u, fir-rigward liema, r-referenza hi restrittivament applikabbli ghal Gvern ta’ Malta, maghdudin il-Ministri u dipartimenti tieghu, awtoritajiet lokali u kull korp maghdud kostitwit permezz ta’ ligi. Ghandu ghalhekk isegwi skond din il-Qorti li fil-kaz in dizamina billi t-Tribunal gie adit proprju biex jinvestiga ilment dwar hatra ta’ ‘Segretarju Permanenti’ fl-ambitu ta’ organizzazjoni jew amministrazzjoni interna dan jikkostitwixxi ‘ghemil amministrattiv’ li ma jistax jigi mistharreg mill-Qrati ordinarji.

- li fil-kawza *Teddy Rapa vs Chairman Awtorita’ tal-Ippjanar deciza fil-31 ta’ Mejju 2000,* il-Qorti Kostituzzjonali kienet affermat li “l-organi gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji kollha kienu fid-dover li jinterpretaw u japplikaw il-ligi fid-dawl tal-assiem tad-dritt Malti li certament jinkludu wkoll ir-rispett tad-drittijiet fundamentali, u dan safejn kien konsentit lilhom li jaghmlu fil-parametri tal-ligi li huma jkunu qeghdin jinterpretaw”. Issa waqt li d-dritt ta’ appell m’huwiex meqjus bhala xi dritt fundamentali m’hemm pero` xejn fid-decizjoni tat-Tribunal li jikkonduci ghall-konkluzjoni li t-Tribunal ma qiesx, fid-decizjoni tieghu,“il-ligijiet, regolamenti jew disposizzjonijiet ta’ l-Estacode li kienu fis-sehh fil-waqt ta’ l-att jew omissjoni li fuqu jkun imsejjes l-ilment” kif jitlob l-Artikolu 7 subartikolu 9 (b) ta’ l-Att.

- li dwar l-asserzjoni ta' l-attur li t-Tribunal ivvjola l-Kostituzzjoni stante li applika l-kriterju ta' l-anzjanita` li mkien ma' jissemma fl-Artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni, li tghid din il-Qorti, hu, li ghalkemm dan l-artikolu jittratta appuntu l-figura tas-Segretarju Permanenti, hu lil hemm mill-kompetenza taghha qua Qorti tal-Magistrati ta' Ghawdex fil-vesti Superjuri taghha, li tissindika jekk il-kriterju tal-anzjanita` huwiex applikabbli jew le ghaliex din hija kwistjoni ta' interpretazzjoni li din il-Qorti hi preklusa li taghmel jew li biss tikkonsidra.

- li in kwantu ghall-ahhar zewg kawzali premessi mill-attur, ossija dawk enumerati (iv) u (v), ma jidhirlix li hemm tant x'wiehed jikkummenta billi frankament din il-Qorti ma tarax li l-Artikolu 86 tal-Kostituzzjoni, li jitkellem bizzejjed car, jinkwadra fil-kwistjoni; rigward l-Artikolu 6 tal-Kap 394 dan huwa l-fonti tal-gurisdizzjoni tat-Tribunal.

- li hemm ukoll zewg aspetti ohra li ghandhom ir-rilevanza taghhom fl-ambitu tal-Artikolu 469A tal-Kap 12 li huma:

(a) li l-gurisdizzjoni tal-Qrati ordinarji tinsab cirkoskritta u limitata bil-provvedimenti tar-raba subartikolu tieghu li espressament jisvestu l-gurisdizzjoni dwar fatti u kunsiderazzjonijiet li jkunu gia gew mistharrga u decizi minn Bordijiet, Tribunali jew Qrati li jkunu twaqqfu, jew gew inkarigati ad hoc mil-legislatur b'xi ligi specjali biex appuntu jinvestigaw u jiddeciedu kwistjonijiet teknici jew legali msemmija fl-istess ligi specjali (ara decizjoni tal-Qorti tal-Appell tal-5 ta' Ottubru 2001 fl-ismijiet *John Cauchi vs Chairman Awtorita' tal-Ippjanar*";

(b) li fil-kawza deciza mill-Prim Awla fl-1 ta' Marzu 2004 fl-ismijiet *Lawrence Borg nomine vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta* gie asserit illi "illum hu accettat li l-azzjoni ghall-stharrig gudizzjarju imsemmija fl-Artikolu 469A tal-Kap 12 hija mahsuba biex taghti rimedju lill-individwu dwar l-imgieba tal-Awtorita' pubblika fil-konfront tieghu" liema asserzjoni tati perspettiva ohra lil din il-kawza billi l-attur qieghed hawnhekk jagixxi fil-vesti tieghu

ta' Prim' Ministru li tahtu taqa' l-amministrazzjoni tal-pajjiz u f'din il-vesti qieghed f'din l-azzjoni jattakka l-ghemil ta' l-istess amministrazzjoni li taqa' taht il-poteri tieghu li ghal din il-Qorti hija inkongruwita' li mhix sostenibbli legalment.

"Ghaldaqstant taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talbiet ta' l-attur bl-ispejjez kontra tieghu."

**L-appell tal-Prim Ministru** [2]

**7.** L-attur appella minn din is-sentenza tal-24 ta' Jannar 2006 u l-aggravji tieghu jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi l-ewwel Qorti iddecidiet b'mod zbaljat meta qieset li l-istharrig gudizzjarju u l-ezami tal-legalita` tad-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji jista' jsir biss, se mai, skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12. Billi t-Tribunal ma jinkwadrax ruhu fid-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" li wiehed isib fis-sub-inciz (2) ta' l-istess Artiklu, l-ewwel Qorti ikkonkludiet erroneament li ma jistax isir stharrig gudizzjarju tad-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji.

2. Illi ladarba l-ewwel Qorti kienet affermat il-poter taghha illi tissindika d-decizjoni tat-Tribunal fis-sentenza in parte tad-9 ta' Novembru 2004, hija kienet marbuta bl-istess sentenza taghha u ma kienetx tgawdi d-diskrezzjoni li tbiddilha fis-sentenza finali.

3. Illi s-sentenza appellata tat interpretazzjoni zbaljata ta' l-Artikolu 86(3) u (4) tal-Kostituzzjoni. Il-Kostituzzjoni thalli d-diskrezzjoni dwar il-hatra ta' persuna fil-kariga ta' Segretarju Permanenti f'idejn il-Prim Ministru u ghalhekk ma kienx jispetta lit-Tribunal li jillimita dik id-diskrezzjoni jew illi jindahal fl-ezercizzju taghha kontra dak li tistipula l-Kostituzzjoni stess.

---

[2] Effettivament f'din il-kawza gew intavolati zewg appelli: wiehed quddiem il-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' rikors in data 13 ta' Frar 2006 u iehor, identiku ghal dak li hu l-kontenut tar-rikors, quddiem il-Qorti ta' l-Appell, ukoll presentat fit-13 ta' Frar 2006. Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2006 quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, l-appell "kostituzzjonali" gie cedut. Ghalhekk il-gudikat odjern jirreferi biss ghall-appell in kwantu presentat quddiem il-Qorti ta' l-Apell.

4. L-applikazzjoni tal-kriterju ta' l-anzjanita` mit-Tribunal kien ghal kollox barra minn postu u juri li t-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni l-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet ta' l-Estacode kif kien obbligat li jaghmel.

**8.** Il-konvenut appellat, fir-risposta tieghu, issolleva zewg punti preliminari, u cioe`:

1. Illi l-appell huwa irritu u null, stante li ma inghatat l-ebda sentenza fl-ismijiet "Prim'Ministru vs Victor Vella Muskat.", izda fl-ismijiet "Il-Prim Ministru vs. Victor Vella Muscat".

2. Illi dina l-Onorabbli Qorti m'hix kompetenti li tittratta l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni, ghax l-Artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni stess jghid illi hija l-Qorti Kostituzzjonali li ghandha tinterpreta l-Kostituzzjoni.

Wara li ghamel is-sottomissjonijiet tieghu fuq il-meritu ta' l-aggravji tal-appellant, <u>l-appellat intavola appell incidentali</u> mis-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri fl-ismijiet **Prim Ministru v. Victor Vella Muskat** deciza <u>fid-9 ta' Novembru 2004</u>, li biha dik il-Qorti kienet cahdet l-ewwel eccezzjoni ta' l-appellat fis-sens li l-Artikolu 469A tal-Kap 12 ma kienx applikabbli ghall-kaz odjern. Vella Muskat jissottometti illi l-appellant imkien ma hu qed jilmenta li t-Tribunal mar *ultra vires* fir-rimedju li ta fid-decizjoni tieghu. Ghalhekk huwa jargumenta illi l-ewwel Qorti ma kellha l-ebda kompetenza tissindika l-ghemil tat-Tribunal, la darba ma kien hemm l-ebda aggravju li dan it-Tribunal mar *ultra vires* fir-rimedji li ta.

## <u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>

**8.** Dwar l-ewwel "eccezzjoni" preliminari riferibbilment ghall-okkju tal-kawza, ftit li xejn ghandha xi tghid din il-Qorti. Fl-udjenza tat-8 ta' Mejju 2006, din il-Qorti, wara li rat l-Artikolu 175(2) tal-Kap.12 ordnat korrezjoni fis-sens li fis-sentenza appellata l-kunjom "Muscat" fl-okkju jigi korrett biex jaqra "Muskat" u li din il-korrezzjoni ghandha

tigi riflessa ukoll fil-korp tas-sentenza. Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni preliminari ta' l-appellat giet sorvolata.

**9.** Kwantu ghall-kompetenza ta' din il-Qorti li tisma' dana l-appell – it-tieni punt preliminari mqanqal mill-appellat – l-appellat qieghed jissottometti illi dina l-Qorti m'hix kompetenti li tittratta l-kwistjoni dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni, ghax l-Artikolu 95(2) tal-Kostituzzjoni jghid illi hija l-Qorti Kostituzzjonali li ghandha tinterpreta l-Kostituzzjoni. A propositu ta' dan il-punt, il-Qorti Kostituzzjonali, fis-sentenza taghha tas-17 ta' Lulju 1997, fl-ismijiet **Dr. Eddie Fenech Adami noe v. Dr. Joe Pirotta noe et** irriteniet hekk:

*"L-Awtorita` tax-Xandir qed issostni illi l-gurisdizzjoni korretta biex tisma' l-meritu ta' dan l-appell hija dik tal-Qorti Kostituzzjonali. Issostni illi l-meritu kif impost mill-attur nomine jimporta l-interpretazzjoni tas-subinciz (1) tal-artikolu 119 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u partikolarment x'sinifikat kellu jinghata lill-kliem "kontroversja politika"……*

*"Id-disakkordju allura ma kienx fuq it-tifsir tal-kliem tal-Kostituzzjoni imma fuq l-applikazzjoni ta' dan il-kliem ghall-fatti. Dan ifisser illi l-Ewwel Qorti applikat in-norma tal-ligi ghall-fatti minghajr il-htiega li tanalizza u tinterpreta d-dispozizzjoni nfisha……Kif sewwa gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet "Dr. George Borg Olivier noe vs Professur Dr. Carmelo Coleiro noe" deciza fis-26 ta' Frar 1976:*

""Illi pero`, kif tajjeb gie sottomess mill-appellant *nomine*, is-sentenza appellata ma fiha ebda interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni, u ghalhekk ma hemmx lok ghall-appell lil din il-Qorti *ai termini* tad-disposizzjonijiet minnhom citati";

*"Fir-rigward tan-natura ta' l-azzjoni proposta hija ukoll rilevanti l-forma li biha l-attur ghazel li jipprocedi quddiem il-Prim Awla. Il-fatt li hu pproceda permezz ta' att tac-citazzjoni jindika li hu ma kienx qieghed jagixxi biex jottjeni rimedju kostituzzjonali imma li agixxa quddiem il-Prim Awla bhala Qorti ta' gurisdizzjoni originali biex jirrivendika d-drittijiet tieghu taht il-ligi ordinarja……".*

Bl-istess mod, fil-kaz odjern ma kienx hemm kontroversja bejn il-partijiet dwar l-interpretazzjoni tal-kliem tal-Kostituzzjoni u senjatament l-Artikoli 86 u 92 tal-Kostituzzjoni, izda dwar l-applikazzjoni ta' dawn l-artikoli ghall-fatti li rrizultaw.

**10.** Barra minn hekk, l-Artikolu 34 tal-Kap 12, kif emendat bl-Att IX ta' l-2004, jippreskrivi illi:

*"Hlief meta jkun hemm provdut mod iehor f'dan il-Kodici jew f'kull ligi ohra, mis-sentenzi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili jista' jsir appell lill-Qorti ta' l-Appell.*

*Izda fil-kazijiet fejn kawza, li tkun inbdiet permezz ta' citazzjoni, u fejn ebda decizjoni esplicita ma tkun intalbet* ***u*** *nghatat dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni skond l-artikolu 95(2)(d) ta' l-imsemmija Kostituzzjoni, tkun giet deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili b'sentenza li fiha jkunu gew diskussi u decizi punti ta' ligi dwar drittijiet fundamentali tal-bniedem jew referenzi ghall-Kostituzzjoni bhala parti mill-meritu tal-kawza, il-Qorti ta' l-Appell ghandha xorta wahda titqies li hija kompetenti u li ghandha gurisdizzjoni biex tiddeciedi appell minn tali sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

Il-kawza odjerna inbdiet b'citazzjoni, u fiha ma ntalbet l-ebda decizjoni esplicita dwar l-interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni imma l-attur (illum appellant) allega li t-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji kien *inter alia* ivvjola diversi dispsosizzjonijiet tal-Kostituzzjoni. Lanqas jista' jinghad li fis-sentenza taghha, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Superjuri tat xi interpretazzjoni tal-Kostituzzjoni, stante li bazikament din il-Qorti iddecidiet li ma kellhiex gurisdizzjoni tiehu konjizzjoni ta' l-ilmenti ta' l-attur appellant. Ghalhekk, hija din il-Qorti – il-Qorti ta' l-Appell – li ghandha gurisdizzoni tiehu konjizzjoni ta' l-aggravji ta' l-appellant u mhux il-Qorti Kostituzzjonali. Konsegwentement, dan it-tieni punt preliminari sollevat mill-appellat qieghed ukoll jigi respint.

**11.** Nigu issa ghall-ewwel aggravju ta' l-appellant Prim Ministru. Dan huwa fis-sens li l-ewwel Qorti qieset li l-istharrig gudizzjarju u l-ezami tal-legalita` tad-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji jista' jsir biss, se mai, skond l-Artikolu 469A tal-Kap 12. Billi it-Tribunal ma jinkwadrax ruhu fid-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" li wiehed isib fis-sub-inciz (2) ta' l-istess Artiklu, l-ewwel Qorti ikkonkludiet li ma jistax isir stharrig gudizzjarju tad-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' l-Ingustizzji. L-appellant jissottometti illi l-qrati ordinarji igawdu gurisdizzjoni "ta' residwu" ("residual jurisdiction") biex jissindakaw l-eghmil tat-tribunali amministrattivi irrispettivament minn jekk hemmx ligi miktuba li espressament tawtorizza tali sindakar.

**12.** Kif sewwa rrileva l-appellat fir-risposta ta' l-appell tieghu, din il-Qorti, proprju kif illum komposta, diga kellha okkazjoni tesprima ruhha fir-rigward ta' l-applikabbilita o meno ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12 fil-konfront tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji fis-sentenza ricenti taghha fl-ismijiet **Direttur General tal-Qrati v. Pinu Axiaq** deciza fit-3 ta' Marzu 2006. F'dik is-sentenza din il-Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-istharrig gudizzjarju ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi-gudizjarji, bhalma huwa t-Tribunal in kwistjoni ma jistax isir in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kap 12. F'dik is-sentenza gie ritenut hekk:
*"Huwa car li fil-waqt li d-Direttur Generali tal-Qrati jista' jaqa' fid-definizzjoni ta' "awtorita` pubblika" ghall-fini ta' din id-disposizzjoni, tali disposizzjoni ma tistax tinkludi tribunal gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju. Din kienet ukoll il-konkluzjoni ta' din il-Qorti (diversament komposta)*[3] *fis-sentenza* ***L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissjoni Elettorali et*** *deciza fit-18 ta' Ottubru 1996. U wara li waslet ghal din il-konkluzjoni, din il-Qorti kompliet tghid hekk:*

"L-attur allura, qed jesperixxi d-dritt ta' azzjoni skond il-ligi ordinarja minn zmien rikonoxxut li tinvesti fil-Prim Awla tal-Qorti Civili b'gurisdizzjoni originali li tipprovdi rimedju fejn awtorita` gudizzjarja jew kwazi gudizzjarja teccedi l-

[3] S.T.O. Prim Imhallef J. Said Pullicino u Onor. Imhallfin Carmel A. Agius u Joseph D. Camilleri.

gurisdizzjoni taghha jew tissanzjona illegalita`. Illum hu car li l-Qorti (Civili) tista' tissindaka l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv, l-ewwelnett biex tassigura li ma kienx hemm xi enuncjazzjoni hazina jew inkompleta ta' l-ipotesi tal-ligi, u dan minghajr ma tipprova b'xi mod tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tal-Bord. La l-Ligi avdat dik il-funzjoni kwazi-gudizzjarja f'idejn il-Bord, huwa l-Bord u hadd iehor ghalih li jrid jiddeciedi" (**JosephFarruga v. Emanuel Cilia Debono** – 10 ta' Gunju 1987 – PA; ara wkoll **Montalto v. Chircop** – PA 18 ta' April 1987; **Norman Rossignaud noe v. Gontram Borg noe** – PA 19 ta' April 1990; **Anthony Borg Cardona v. JosephBusuttil et noe** – 5 ta' Ottubru 1994, PA u ohrajn."[4]

*"Huwa wkoll rilevanti li meta kien ghadu fis-sehh l-Artikolu 742(2) li kien introdott bl-Att VIII ta' l-1981*[5] *u li kien l-ewwel tentattiv legislattiv biex jirregola – skond xi whud, biex jargina u jillimita – l-istharrig gudizzjarju ta' eghmil amministrattiv, il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza* ***John Holland nomine v. Julian Schembri*** *deciza fl-20 ta' Mejju 1991, irriteniet illi dan l-Artikolu 742(2) (kif kien jaqra qabel l-emendi apportati bl-Att XXIV ta' l-1995) kien irrelevanti ghal fini ta' stharrig gudizzjarju ta' decizjonijiet ta' tribunal amministrattiv.*

*"Ghalhekk jidher li l-Qrati Maltin dejjem irritenew illi s-setgha taghhom li jissindikaw decizjonijiet ta' tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji, temani mill-gurisdizzjoni ordinarja li l-ligi (Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili – Kap. 12, Artikolu 32(1)) tikkonferixxi lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili li tiehu konjizzjoni ta' kawzi ta' natura civili li ma jkunux jaqghu fil-gurisdizzjoni ta' xi qorti ohra bis-sahha ta' xi ligi ohra.*[6]

---

[4] Ara wkoll fl-istess sens **Eden Leisure Group Ltd. v. Salvino Borg D'Anastasi** deciza minn din il-Qorti (S.T.O. Prim Imhallef Vincent De Gaetano u Onor. Imhallfin Anton Depasquale u Alberto Magri) fis-27 ta' Gunju 2003.

[5] Abrogat bl-Att XXIV ta' l-1995.

[6] It-tibdil fil-lokuzzjoni tal-Artikolu 32(2) b'rizultat ta' l-emendi introdotti bl-Artikolu 16 tal-Att XXXI tal-2002 fil-fehma tal-Qorti ma jbiddlu xejn fis-sustanza minn dan il-principju.

*“Fis-sentenza tad-9 ta’ Marzu 1901 fl-ismijiet **Riccardo Ullo Xuereb v. Enrico Magro nomine**[7] il-Prim Awla tal-Qorti Civili osservat illi:*

““E` vero che dove esistono tribunali rivestiti della giurisdizione di prendere cognizione e giudicare di questioni di amministrazione, quei tribunali, e non il tribunale civile, sarebbero competenti a giudicare controversie simili alla presente; ma e` vero, altresi`, che sarebbe esorbitante se, per difetto di esistenza presso di noi di quei tribunali, nessun altro degli esistenti potesse giudicarne; cio condurrebbe a fare del Direttore delle Scuole, o del Consiglio Universitario, o una persona, o un corpo ex lege, i cui atti amministrativi sarebbero arbitrari in quanto non criticabili innanzi al potere giudiziario e correggibili dalla stesso. Che inoltre la disposizione dell’articolo 41 delle Leggi di Procedura Civile, assoggettando alla giurisdizione di quella Corte tutte le cause di natura civile, e tutte altre per espresso disposizione di legge commessele, o da essa fin ora solite conoscersi, e sulle quali nulla avessero innovato le dette Leggi di Procedura, rende quella Corte competente a prendere cognizione della presente causa e giudicarne ...”[8].

*“Din l-interpretazzjoni tal-gurisdizzjoni ordinarja tal-Prim Awla tal-Qorti Civili li inghatat fil-bidu tas-seklu ghoxrin baqghet tigi segwita mill-Qrati Maltin ghall-inqas ghal dak li jirrigwarda l-istharrig gudizzjarju ta’ tribunali gudizzjarji jew kwazi gudizzjarji. Apparti is-sentenzi imsemmija fis-sentenza **L-Avukat Dr. Anthony P. Farrugia v. Kummissjoni Elettorali**, supra, wiehed jista’ wkoll jirreferi ghas-segwenti sentenzi: … …*

*“Fid-dawl ta’ dan kollu, l-azzjoni ta’ l-appellant ghal stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-Tribunal de quo tista’ biss tigi ikkunsidrata mill-Qorti fil-gurisdizzjoni ordinarja*

---

[7] U konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell fis-17 ta’ Gunju 1908 -- Vol. XX-I-147.

[8] L-Artikolu 32(1) qabel ma gie sostitwit bl-Att XXIV ta’ l-1995 kien jaqra hekk: *“Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili ... jigu maqtugha l-kawzi kollha ta’ natura civili, u dak il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom l-istess Prim Awla tal-Qorti Civili, jew li s’issa din il-qorti hadet konjizzjoni taghhom, u li dwarhom xejn ma biddel dan il-Kodici.”*

*taghha li tinkludi fiha s-setgha li tivverifika l-legalita` ta' prononzjamenti ta' tribunali gudizzjarji u kwazi-gudizzjarji. Huwa veru li, kif osserva l-appellant, l-istharrig gudizzjarju taht l-Artikolu 469A tal-Kap 12 u l-istharrig gudizzjarju in forza tal-gurisdizzjoni generali konferita lill-Prim Awla tal-Qorti Civili, jista' fis-sustanza ikun fil-prattika simili jekk mhux identiku, billi fiz-zewg kazi l-ezercizzju huwa dejjem dak li jara li l-eghmil amministrattiv f'kaz wiehed u l-pronunzjament tat-tribunali amministrattivi fil-kaz l-iehor ikunu fil-parametri tal-ligi. Pero` dan ma jnaqqas xejn mill-fatt illi l-Kap. 12 jikkonferixxi din is-setgha lill-Prim Awla taht zewg disposizzjonijiet separati."*

**13.** Fid-dawl tas-suespost, l-qrati ordinarji <u>ghandhom</u> is-setgha li jistharrgu l-legalita` tad-decizjonijiet tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji in forza ta' l-Artikolu 32(2) tal-Kap. 12. Il-premessi u t-talbiet fic-citazzjoni odjerna <u>ma humiex ibbazati fuq stharrig gudizzjarju tad-decizjoni tat-Tribunal in forza tal-Artikolu 469A tal-Kap 12</u>, izda fuq allegazzjonijiet generici ta' illegalita` tad-decizjoni tat-Tribunal, u ghalhekk ma hemm xejn x'josta lill-qrati ordinarji milli jiehdu konjizzjoni ta' ilmenti ta' l-appellant. F'dana s-sens, ghalhekk, l-ewwel aggravju ta' l-appellant huwa fondat.

**14.** It-tieni aggravju ta' l-appellant huwa fis-sens illi ladarba l-ewwel Qorti kienet affermat il-poter taghha illi tissindika d-decizjoni tat-Tribunal fis-sentenza in parte taghha tad-9 ta' Novembru 2004, hija kienet marbuta bl-istess sentenza taghha u ma kienetx tgawdi d-diskrezzjoni li tbiddilha fis-sentenza finali. Hawnhekk l-appellant jidher li ghandu ragun ukoll. Fis-sentenza in parte tad-9 ta' Novembru 2004, l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut appellat li ma setax isir stharrig gudizzjarju in forza ta' l-Artikolu 469A tal-Kap12. Fil-fatt l-ewwel Qorti qalet hekk: *"Issa l-Qorti qed tifhem li dina l-eccezzjoni hi intiza bhala wahda perentorja u determinattiva ghall-finijiet ta' l-ezitu tal-kawza. Fuq daqshekk din il-Qorti ma taqbilx u ghaldaqstant qeghda f'dan is-sens tiddeciedi u tiddisponi minn din l-eccezzjoni billi tichadha u <u>tordna l-prosegwiment tal-kawza sabiex tigi trattata u deciza fuq il-meritu</u>."* (enfasi mizjuda). Bid-dovut rigward lejn l-ewwel

Qorti, din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti cahdet l-ewwel eccezzjoni dwar in-nuqqas ta' kompetenza taht l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u ordnat il-prosegwiment tal-kawza fil-meritu, biex imbaghad fis-sentenza finali affermat l-inkompetenza taghha li tistharreg id-decizjoni tat-Tribunal taht l-istess Artikolu 469A tal-Kap. 12. Pero` fi kwalunkwe kaz dan l-aggravju huwa issa sorvolat – fis-sens li ma ghandu ebda relevanza – in vista tal-konsiderazzjonijiet maghmula fil-konfront ta' l-ewwel aggravju.

**15.** Nigu issa ghat-tielet aggravju. F'dan l-aggravju l-appellant jissottometti illi s-sentenza appellata tat interpretazzjoni zbaljata ta' l-Artikolu 86(3) u (4) tal-Kostituzzjoni. Skond l-appellant, il-Kostituzzjoni thalli d-diskrezzjoni dwar il-hatra ta' persuna fil-kariga ta' Segretarju Permanenti f'idejn il-Prim Ministru u ghalhekk ma kienx jispetta lit-Tribunal li jillimita dik id-diskrezzjoni jew illi jindahal fl-ezercizzju taghha kontra dak li tistipula l-Kostituzzjoni stess. Dan l-argument ghandu jigi kkunsidrat fid-dawl tal-funzjonijiet li t-Tribunal gie moghti bil-ligi. L-Artikolu 6 tal-Kap. 394 jippreskrivi illi:

*"It-Tribunal ikollu s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja b'konsegwenza ta' xi distinzjoni, eskluzjoni jew preferenza indebita li tkun saret jew inghatat bi hsara ghaliha, jew ta' xi inkapacita` jew restrizzjoni li kellha ggarrab b'xi azzjoni mehuda minn xi wahda mill-persuni li ghalihom japplika dan l-Att dwar kull wiehed minn dawn li gejjin:*
*(a) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' ufficjali pubblici;*
*(b) hatriet, promozzjonijiet jew trasferimenti ta' membri ufficjali jew impjegati ta' xi korp imwaqqaf b'ligi;*
*(c) dhul fl-impieg;*
*(d) licenzji jew permessi mehtiega bil-ligi;*
*(e) kull haga ohra li tista' tigi approvata b'rizoluzzjoni tal-Kamra tad-Deputati."*

Minn qari ta' dan l-artikolu ma hemmx dubbju li t-Tribunal gie moghti setgha jesprimi l-opinjoni tieghu fuq jekk kienx hemm xi ingustizzja fit-termini ta' l-istess artikolu fuq

hatriet, promozzjonijiet u trasferimenti ta' ufficjali pubblici. Ma hemmx dubbju wkoll li Segretarji Permanenti jridu jkunu ufficjali pubblici[9] u ghalhekk *prima facie* l-Artikolu 6 tal-Kap. 394 japplika ghalihom.

**16.** Pero` hemm ukoll l-Artikolu 5(3) tal-Kap. 394 li jghid hekk:

*"(a) Dan l-Att ma jappplikax ghall-persuni jew ghall-korpi li jinsabu elenkati fit-Taqsima A fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att.*
*(b) Dan l-Att ma japplikax ghall-korpi elenkati fit-Taqsima B fl-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att, kemm-il darba ma tingiebx prova b'sodisfazzjon tat-Tribunal li tkun turi li kull mezz possibbli ghall-ksib ta' rimedju jkun gie ezawrit……*
*(d) It-Tribunal m'ghandux jitratta ilment li jkun jehtieg investigazzjoni dwar dik l-azzjoni jew kwistjoni bhalma hemm imfisser fit-Taqsima C ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dan l-Att."*

Il-hatra ta' Segretarji Permanenti ma hija inkluza taht l-ebda wahda mit-tlett Taqsimiet fl-Ewwel Skeda tal-Kap. 394, u ghalhekk it-Tribunal kellu gurisdizzjoni li jiehu konjizzjoni ta' l-ilment ta' l-appellat ai termini ta' l-Artikolu 6 tal-Kap. 394 fuq citat. Ma hemmx dubbju illi fil-hatra ta' Segretarju Permanenti hemm element qawwi ta' fiducja – wara kollox is-Segretarji Permanenti huma, kif jixhed l-Artikolu 92 tal-Kostituzzjoni, kwazi Ministri – u huwa probabbilment ghal din ir-raguni illi fl-ghazla tal-hatra tieghu, il-Kostituzzjoni ma torbotx id-diskrezzjoni tal-Prim Ministru ma' dak li tirrakomanda il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku[10], ghall-kuntrarju tal-posizzjoni legali f'karigi iktar baxxi fis-servizz pubbliku. Minkejja dan, jibqa' l-fatt li l-legislatur deherlu li ma ghandux inehhi l-hatra tas-Segretarji Permanenti mill-gurisdizzjoni tat-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji, kif ghamel, per ezempju, fil-kaz ta' hatra fil-gudikatura jew kull avukat jew konsulent legali tal-Gvern li jagixxi f'dik il-kariga[11]. Inoltre, wiehed irid

[9] Ara l-Artikolu 92(3) tal-Kostituzzjoni
[10] Ara l-Artikolu 92(3) flimkien ma' l-Artikolu 86(2) tal-Kostituzzjoni
[11] Ara Taqsima A ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap. 394.

ukoll izomm quddiem ghajnejh illi huwa car minn qari ta' l-Artikolu 7(9)(c)(d)(11) tal-Kap. 394, illi d-decizjonijiet tat-Tribunal ma humiex ezegwibbli *per se* u mill-istess Tribunal, izda huma semplici rakkomandazzjonijiet li ghandhom jigu implimentati mill-Prim Ministru[12].

**17.** Huwa veru li fil-kaz odjern it-Tribunal gie li ssindika d-diskrezzjoni tal-Prim Ministru fl-ghazla tieghu ta' Segretarju Permanenti, pero` dan huwa konsegwenza ta' dak li jiddisponu l-Artikoli 5 u 6 tal-Kap. 394. L-appellant ma hux qieghed jallega li l-Artikoli 5 u 6 tal-Kap. 394 huma in vjolazzjoni ta' dak li tipprovdi l-Kostituzzjoni – u certament dan ma hux il-*forum* idoneju fejn jista' jitressaq ilment simili. Fil-kaz odjern it-Tribunal agixxa fil-parametri tas-setghat moghtija lilu mill-Kap. 394, u ghalhekk ma jistax jitqies li agixxa *ultra vires*. Ghalhekk dana l-aggravju qed jigi respint.

**18.** Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jilmenta illi l-applikazzjoni tal-kriterju ta' l-anzjanita` mit-Tribunal kien ghal kollox barra minn postu u juri li t-Tribunal ma hax in konsiderazzjoni l-ligijiet, regolamenti u disposizzjonijiet ta' l-Estacode kif kien obbligat li jaghmel. F'dan il-kuntest din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qalet fis-sentenza, hawn aktar 'l fuq imsemmija, fl-ismijiet **Direttur Generali tal-Qrati v. Pinu Axiaq** (deciza fit-3 ta' Marzu 2006):

*"Kif inhuwa risaput, f'ezercizzju ghal stharrig gudizzjarju, il-qorti ordinarja hija limitata li tara l-legalita` tad-decizjoni in ezami – fi kliem iehor jekk tali decizjoni ittiehditx fil-limiti tas-setghat moghtija mil-ligi principali lit-tribunal in kwistjoni, cioe` hix ultra vires, inkluz jekk gewx osservati l-principji ta' gustizzja naturali. Skond l-Artikolu 6 tal-Kap. 394, it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta' Ingustizzji ghandu "s-setgha li jisma' u jaqta' dwar kull ilment miktub li jsir minn persuna li tallega li tkun garrbet ingustizzja" fuq il-kwistjonijiet elenkati fl-istess Artikolu. Galadarba huwa stabbilit li t-Tribunal kellu gurisdizjoni li jiehu konjizzjoni ta' l-ilment ta' l-appellat u li hu ma agixxiex ultra vires il-limiti*

[12] Ara wkoll is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet **Il-Kummissarju tal-Pulizija et v. Joseph Rizzo** deciza fis-27 ta' Frar 2003 u **Direttur Generali tal-Qrati v. Pinu Axiaq** deciza fit-3 ta' Marzu 2006.

*imposti fuqu mil-ligi, la l-Prim Awla u anqas din il-Qorti ma jistghu jissostitwixxu d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal f'dak li huwa l-apprezzament tal-provi u dwar jekk fil-kaz konkret l-appellat sofriex verament ingustizzja kif kien qed jallega, jew le."*

Kieku din il-Qorti (jew, qabilha, il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) li mis-sentenza taghha sar l-appell) kellha tilqa' din is-sottomissjoni (jew aggravju, f'dana l-istadju), tkun qed tissostitwixxi d-diskrezzjoni taghha ghal dik tat-Tribunal – haga evidentement mhix konsentita meta si tratta ta' "judicial review" bhal dak in dizamina. Ghalhekk anke dana l-aggravju qed jigi respint.

**19.** Fic-cirkostanzi, din il-Qorti ma tarax li ghandha ghalfejn tghid wisq dwar l-appell incidentali. Fid-dawl ta' dak li nghad ghar-rigward ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant Prim Ministru, l-ilment ta' l-appellat Victor Vella Muskat fir-rigward tas-sentenza preliminari tad-9 ta' Novembru 2004 jimmerita li jigi akkolt. Dan, pero`, ma jbiddel xejn ghal dak li jirrigwarda d-decizjoni fis-sentenza tal-24 ta' Jannar 2006, hlief, naturalment li ser ikun hemm modifikazzjonijiet ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez.

**<u>Decide</u>**

**20.** Ghall-motivi premessi (1) tilqa' l-appell incidentali u konsegwentement thassar u tirrevoka s-sentenza preliminari tad-9 ta' Novembru 2004 fis-sens biss illi l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenut (li l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 ma kienx japplika ghall-kaz in dizamina) kellha tigi akkolta; u (2) tichad l-appell tal-Prim Ministru u, ghar-ragunijiet moghtija f'din is-sentenza – u ghalhekk mhux ghar-ragunijioet moghtija fis-sentenza appellata – tikkonferma d-decizjoni fis-sentenza tal-24 ta' Jannar 2006. Kwantu ghall-ispejjez, tenut kont tac-cirkostanzi partikolari, dawn – kemm ta' l-ewwel istanza kif ukoll tat-tieni istanza – ghandhom jigu sopportati kwantu ghal tliet kwarti (3/4) mill-attur appellant u kwart (1/4) mill-konvenut appellat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------